**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Marzu, 2002

**Numru 23**

**Avviz. numru 37/02JR**

**Alfred Fenech ezercenti l-kummerc f'isem Sterling Jewellers**

**vs**

**Salvino sive Silvio u martu Carmen konjugi Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1200.00) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar prezz ta' tlett (3) djamanti u zewgt icrieket lilu mibjugha u konsenjati;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-6 ta' Frar, 2002, fejn gie eccepit illi l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Fenech u Silvio Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi l-attur qed jaghmel kawza ghall-ammont ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1200.00) bilanc ta' prezz ta' tlett djamanti u zewgt icrieket li akkwista fl-20 ta' Novembru, 1996.**

2. **Skond il-ftehim Dok.B esebit, il-konvenut kellu originarjament ihallas l-ammont ta' elfejn u hamsin lira Maltija (Lm2050.00), u kien hareg "post-dated cheque"ghall-ammont, liema cekk kien igib id-data tat-30 ta' April, 1997. dan ic-cekk baqa' ma giex onorat.**

3. **Il-konvenut effettwa diversi pagamenti u dana jirrizulta kemm min-notamenti li zamm l-istess konvenut kif ukoll minn dawk li zamm l-**

**attur. Pero` hemm xi divergenzi dwar il-bilanc. Jirrizulta li n-notamenti kienu jzommuhom l-partijiet individwalment.**

4. **Il-konvenut qed jammetti li ghandu jaghti s-somma ta' elf u ghaxar liri Maltin (Lm1010.00). Ghalhekk il-kontestazzjoni tirriduci ruha ghall-mija u disghin lira Maltija (Lm190.00).**

5. **Dwar id-differenza it-Tribunal wara li semgha l-partijiet hu tal-fehma li n-notamenti mizmuma mill-partijiet m'humiex konklusivi ghar-risoluzzjoni tal-kaz, u dana in vista tal-fatt li l-konteggi ma nzammex u gew kontrofirmati miz-zewg partijiet kif kien ikun desiderabbli fi trattattivi simili. Ghalhekk it-Tribunal qed jaccetta li d-differenza fl-ammont li hu kontestat jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet, u ghalhekk jigi li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf mija u hames liri Maltin (Lm1105.00).**

6. **It-Tribunal qed jirrileva ukoll li skond l-iskrittura hemm dovuti l-imghaxijiet legali sa mill-20 ta' Novembru, 1996.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' elf mija u hames liri Maltin (Lm1105.00), u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma imsemmija ta' elf mija u**

**hames liri Maltin (Lm1105.00) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Novembru, 1996.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**